**QORTI ĊIVILI**

**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR. IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar is-27 ta' April 2022**

**Rikors Numru : 52/2022 JPG**

**Kawza Numru : 29**

**RC**

**U**

**MM**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors kongunt ta' RC u MM datat 28 ta' Jannar 2022, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*Illi l-partijiet izzewgu nhar it-tletin ta' Gunju tas-sena elfejn u sbatax (30.06.2017).*

*Illi huma ormai ilhom legalment separati minn xulxin sa mit-tnejn u ghoxrin ta' Marzu tas-sena elfejn u dsatax (22.03.2019), u dana permezz ta' kuntratt redatt min-nutar pubbliku Dr. Clinton Bellizzi LL.D, kopja ta' liema kuntratt qieghda tigi hawn annessa u mmarkata, Dok A.*

*Illi ma hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet, stante li minbarra l-fatt illi l-partijiet ilhom separati sa mill-elfejn u dsatax (2019), huma ormai ghandhom hajja totalment separata minn ma xulxin.*

*Illi ma hemm l-ebda manteniment dovut mill-partijiet lil parti l-ohra stante rinunzja, u lanqas ma hemm pendenzi f'manteniment pagabbli ghat-trobbija tal-*

*ulied stante li minn dan iz-zwieg il-partijiet ma kellhomx tfal.*

*Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu revrentement illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

1. *Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;*

2. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghall-daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet sabiex dawn jigu registrati fir-Registru Pubbliku.*

*Bl-ispejjes kontra l-istess intimata.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat illi l-attur ddikjara seduta stante illi ma kellhux aktar provi x'jipproduci; (vide fol 32A );

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat in-nota kongunta tal-partijiet tat-30 ta' Marzu 20221 li biha l-partijiet ddikjaraw li ma ghandhomx aktar provi x'jipproducu;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**RC xehdet** (vide affidavit Dok C, fol 15) illi l-partijiet zzewgu nhar it-30 ta' Gunju 2017 u li minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal. Sostniet illi filfatt dan iz-zwieg ma rnexxiex u l-partijiet sseparaw legalment permezz ta' kuntratt ippubblikat minn Nutar Dr Clinton Bellizzi nhar it-22 ta' Marzu 2019. Ziedet tikkonferma illi ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni lanqas ma hemm arretrati ta manteniment.

**MM xehed** (vide affidavit fol 16) u kkonferma u kkorrobora dak li xehdet martu.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***
>
> ***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***
>
> ***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***
>
> ***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

> ***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***
>
> ***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***
>
> ***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***
>
> ***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Il-partijiet kkonfermaw bil-gurament li huma kienu zzewgu nhar it-30 ta' Gunju 2017 liema zwieg igib c-certifikat numru 1840/2017 (Vide certifikat taz-zwieg fol 17). Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ppubllikat nhar it-22 ta' Marzu 2019, fl-atti tan-Nutar Dr Clinton Bellizzi (Vide fol 20). Ghalhekk jirrizulta illi l-partijiet ilhom separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 1840/2017 u tordna lir-Registratur**

**tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Christabelle Cassar**
**Deputat Registratur**